# Il-Ħadd 30.08.2020

1. **<u>Illum 30/08 - JUM IL-FESTA</u>**
   Naturalment nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. Ippermettuli ħsiebi jmur ukoll llum għal dawk li għandhom xi familjari morda kemm fid-djar u kemm fl-isptarijiet, fl-emigranti, u f'dawk li huma l-ħabs. Wasslu t-tislijiet tiegħi lil dawn ħutna kollha, u lill-familjari tagħhom.

   - Fis-6:45am - Quddiesa ċċelebrata minn Dun Ivan Scicluna.
   - Fid-9:00am - Quddiesa ċċelebrata minn Dun Tony Pace.
   - F'12:00pm - *Tagħlaq il-knisja u terġa' tiftaħ fis-6:00pm.*
   - Fis-7:00pm - Quddiesa Solenni kkonċelebrata ta' Jum il-Festa mill-Kappillan Kan. David Farrugia **fil-Knisja Parrokkjali**. Jinseġ il-Paniġierku r-Rev. Dun Jonathan Debattista, saċerdot novell mill-Parroċċa tal-B.V.M. Annunzjata, Ħal Tarxien. Fi tmiem il-quddiesa, tintalab il-kurunella, titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.
     *N.B. Ser ikollna 4 screens u siġġijiet fuq iz-zuntier biex min ma jilħaqx post ġewwa fil-knisja, jew iħossu aktar safe barra, basta jżomm il-ġabra, ikun jista' jieħu sehem xorta minn hemm. Importanti li ħadd ma jċaqlaq siġġijiet mingħajr permess tal-ushers, sabiex naraw li nżommu is-social distancing.*
   - Fl-10:00pm - *Tagħlaq il-knisja.*

   - Infakkarkom:
     - fil-***bukkett li ma jinxifx***, kif tistgħu taraw fuq noticeboard apposta, jiġifieri li minflokk fjuri tingħata offerta li din is-sena ser tmur b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr li għaddejjin bħalissa.
     - li qed nagħmlu lotterija ta' nkwadru ta' San Pawl b'risq l-istess għan. Grazzi.

2. Il-Ġimgħa 04/09, **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa.
   - Fis-7:00pm - Adorazzjoni.
   - Fis-7:30pm - Laqgħa għall-Ġenituri u l-Parrini mal-Kappillan fil-Knisja Parrokkjali.

3. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 110 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda;
   - € 805 bħala donazzjonijiet mill-envelopes b'risq il-Festa u l-Karità;
   - € 85 bħala donazzjoni b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - **Illum il-ġbir tal-Quddies ser imur għall-Festa, u għalhekk infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-Sanitizing Points.** Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.

4. Nitolbu għal Paul Agius, li għadda għal ħajja ta' dejjem. Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ...